Minuti tal-Laqgħa Nru. 11 tas-Sitt Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta, 5 ta' Frar 2013 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku | Is-Sur. John Schembri |
| Viċi Sindku | Is-Sur. Joseph Scicluna |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur. Victor Caruana<br>Is-Sur. Christian Falzon<br>Is-Sur. Joseph Camilleri<br>Is-Sinjura. Lucia Massa |
| Skużata | Is-Snrna. Christina Sammut |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Mqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Proġett Family Park
5. Xogħolijiet
6. Performance Bonus
7. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet
8. Aġġornament

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-minuti tal-laqgħa preċedenti inqraw u ġew approvati.

## 2.0 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Il-Kunsillier Falzon semma li fuq is-sleeping policeman ta Triq il-Wilġa billi din ma kinitx imniżżla fil-minuti. Huwa nnotta li din għandha titniżżel.

2.2 Il-Kunsillier Camilleri saqsa x' kien sar fuq il-bins li kellhom jinġiebu fil-ground ta San Vinċenż. Is-Sindku appella lil Kunsillier Caruana sabiex jiċċekkja fuq il-bins li hemm fil-garaxx. Il-Kunsillier Camilleri semma li jridu jitpoġġew żewġ bins fuq ġewwa u ieħor fuq barra.

## 3.0 KORRISPONDENZA

3.1 Is-Sindku semma fuq il-bring in sites ta' Ħal Farruġ faċċata tal-Housing Estate li għalkemm dawn tressqu biex tissolva l-problema xorta qed ikun hemm problema bir-rimi ta skart. Huwa appella lis-Segretarju biex dawn jerġgħu jitressqu fejn kienu qabel.

3.2 Is-Sindku semma li dwar is-CCTV camera ta Triq Dun Pawl din saret talba fuqha biex tkun mgħoddija lir-Reġjun. Huwa semma li din it-talba ġiet milqugħa u għalhekk issa l-Kunsill mhux se jkollu iktar x' jaqsam mal upkeep tagħha.

3.3 Is-Sindku semma li kienet saret laqgħa mat-Transport Malta dwar il-possibilta li jsir bus shelter fiż-żona tal-iskola. Huwa semma li kien instab lok tajjeb għalk dan il-bus shelter u li se nerġgħu nkunu konsultati minn naħa ta TM meta dan ikun se jitwaħħal.

3.4 Il-Kunsillier Caruana qal li kien ġie avviċinat mill-kuntrattur li jieħu ħsieb is-soft areas, is-Sur. Martin Muscat wara li dan irċieva ittra minn naħa tas-Segretarju Eżekuttiv dwar nuqqasijiet fix-xogħol tiegħu. Is-Segretarju semma li huwa kien qed jagħmel dmiru billi dawn in-nuqqasijiet kien ġibidlu l-attenzjoni fuqhom is-Sindku.

3.5 Is-Sindku semma wkoll li l-kuntrattur tas-soft areas kien bagħat kontijiet fuq qtugħ ta siġar tal-palm separati minn dawk li huwa kien jitlob għax xogħol tiegħu. Fost l items fil-kont kien hemm ukoll imniżżel għax xogħol ta jdejh meta dan huwa diġa qed ikun imħallas fil-kont ta kull xahar. Barra dawn huwa kien qed jitlob ħlas fuq trasport u affarijiet oħra li huwa mistenni li jipprovdi b' xejn bħala parti mill-kuntratt tiegħu u minn dak li kien mitlub mit-tender. Il-Kunsillier Caruana semma li x-xogħol li huwa kien għamel tal-qtugħ tas-siġar tal-palm ma kienx parti mit-tender. Is-Sindku irrisponda lill-Kunsillier Caruana li t-tender għandu x' jaqsam ma kull tip tax-xogħol tas-soft areas kif hemm deskritt fit-tender stess.

3.6 Is-Sindku semma li huwa mhux qed jaqbel ma dawn il-kontijiet u li se jitlob biex ikellem lill-kuntrattur imsemmi. Is-Sindku semma wkoll li l-għodod u l-makkinarju kienu mitluba mill-bidu fit-tender u għalhekk dawn huma fir-responsabilta tal-kuntrattur li jissupplixihom mingħajr ħlas addizjonali.

3.7 Is-Sindku semma li reġa kien hemm laqgħa tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni tat-tenders fejn ġew diskussi t-tenders għal perit tal-Kunsill, għal perit tal-proġett tal-Family Park ta Ħal Farruġ u dak tal-istreet furniture. Is-Sindku qara r-rapport li kien imħejji waqt il-laqgħa imsemmija.

3.8 Is-Sindku qal li kien hemm rakkomandazzjoni biex għal dan il-perjodu l-Perit tal-Kunsill jibqa dak li hemm fil-preżent anki peress li dan kien laħaq lesta iċ-ċifri tat-toroq kif ukoll jaf l-andament ta dawn it-toroq partikulari. Il-membri tal-Kunsill preżenti qablu ma din ir-rakkomandazzjoni b' vot unanimu ma din ir-rakkomandazzjoni.

3.9 Il-Kunsillier Caruana semma li kienet saret talba biex fi Triq Wied il-Knejjes isir rampa peress li hemm residenti li qed ikollhom problema ta aċċessibilta. Huwa semma wkoll li peress li hemm bollard li tingħalaq b' katnazz għandu jkun hemm kopja taċ-ċavetta tagħha għand xi residenti minn dik it-triq f' kaz li jkun hemm xi emergenza u jkun hemm bżonn tidħol ambulanza.

3.10 Il-Kunsillier Caruana semma li f' Ħal Farruġ qed ikun hemm ħaxix mat-toroq li jeħtieġ li dan jinqata. Huwa ssuġġerrixxa biex ngħidu lil Joe Schembri li meta huwa jkun għaddej bix-xogħol tal-knis f' Ħal Farruġ jieħu ħsieb biex jaqta l-ħaxix ukoll.

3.11 Il-Kunsilliera Massa saqsiet jekk jistax jkun hemm servizz ta trasport għal dawk l-anzjani li jattendu d-Daycentre. Is-Sindku semma li l-Kunsill ma jistax joffri dan is-servizz.

3.12 Il-Kunsillier Caruana semma li reġa wasal iż-żmien biex jingħata tindifa ċ-ċimiterju ta San Tumas.

3.13 Il-Kunsillier Camilleri saqsa jekk kemm ilu jopera dan il-kennies s' issa qattx ġiet użata l-mechanical street sweeper. Is-Sindku semma li din s' issa għadha ma ġietx użata pero l-kuntrattur wera li huwa dispost li joffri s-servizz tagħħha f' każ li jkollu talba. F' dan il-mument huwa appella lis-Segretarju li fl okkażżjoni tal-festi tar-Randan jkun hemm servizz ta mechanical street sweeper.

## 4.0 PROĠETT FAMILY PARK

4.1 Is-Sindku semma li sar l-iffirmar tal-kuntratt mal-Paying Agency sabiex dawn ikunu jistgħu jirrimborsaw il-Kunsill. Is-Sindku kompla jgħid li x-xogħol huwa miexi ġmielu u l-Bandli diġa qed jieħu l-forma tiegħu.

4.2 Is-Sindku semma wkoll li sar xogħol ta bini ta ġwiebi fuq il-Bandli li żammew xi ftit ix-xogħol lura billi dawn riedu jsiru minn qabel ma jitkompkla x-xogħol tal-proġett.

## 5.0 XOGĦOLIJIET

5.1 Il-Kunsilliera Massa semmiet fuq it-tabella tal-iskola li hemm fejn is-sorijiet peress li din kellhom jinbidlu l-ħinijiet ta fuqha. Is-Segretarju semma li huwa kien kellem lill tat-tabelli u se jerġa jfakkru fuq din it-tabella.

5.2 Is-Sindku tkellem fuq ix-xogħolijiet ta toroq li qed isiru fi Triq Mikielanġ Sapiano u Triq Patri Indri Schembri. Dwar Triq Patri Indri Schembri huwa semma li kellu laqgħa mal-Perit ta Transport Malta fejn saret proposta biex din it-Triq titwessa. Din il-proposta ġiet milqugħa u għalhekk se jsir kif kien diskuss.

5.3 Is-Sindku semma li fi Triq Mikielanġ Sapiano wasal issa biex issir il-parti tar-resurfacing bit-tarmac wara li nbidlu s-servizzi u sar parti mill-main tal-ilma ġdid. Huwa kompla jgħid li kif jitlesta x-xogħol minn din it-triq issa tinbeda Triq Anton Falzon.

## 6.0 PERFORMANCE BONUS

6.1 Waqt dan il-mument is-Segretarju ħareġ barra mill-kamra sabiex il-Kunsilliera preżenti jiddiskutu dwar il-performace bonus tiegħu u dak tal-impjegati tal-Kunsill. Meta ġie imsejjaħ biex jidħol lura huwa ġie infurmat li l-Kunsill approva li jagħti full performance bonus kemm lilu kif ukoll lill-impjegati tal-Kunsill skont il-persentaġġi li huma stipulati bil-liġi.

## 7.0 APPROVAZZJONI TA' ĦLASIJIET

7.1 Dwar l-ammont li hemm dovut lil Euroclean ta xogħol addizjonali ta tindif, il-Kunsillier Caruana semma li huwa se jkun qed jastjeni dwar dan il-pagament partikulari.

7.2 Il-Kunsillier Falzon semma li huwa se jkun qed jastjeni peress li dak iż-żmien li Euroclean kien ta s-servizz tiegħu huwa ma kienx Kunsillier.

7.3 Il-Kunsillier Camilleri semma li huwa se jkun qed jastjeni fuq il-kontijiet ta WM Environmental peress li huwa ma kienx qabel mal-għażla li kien ħa l-Kunsill fuq it-tenders.

7.4 Il-Viċi Sindku, l-Kunsilliera Massa qablu mal-iskeda tal-pagamenti kollha. Il-Kunsilliera Caruana, Falzon u Camilleri qablu mal-bqija tal-pagamenti ħlief għal dawk il-pagamenti imsemmija hawn fuq

## 8.0 AĠĠORNAMENT

Ma kienx hemm aktar punti fuq l-Aġenda biex jiġu diskussi u għaldaqstant is-Sindku iddikjara l-laqgħa magħluqa nhar it-Tlieta 5 ta' Frar 2013, fis-6.52 p.m. Ma kienx hemm data proposta għal laqgħa li jmiss.

Konfermati llum ________________________ 2013.

| | |
|---|---|
| ______________________ | ____________________ |
| John Schembri | Michael Portelli |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |